# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 13**

**Rikors numru 413/07 RGM**

**Chantelle Mallia**

**v.**

**1. Rita Mallia**
**2. Joseph Mallia**
**3. George Borg**
**4. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Familja moghtija fil-31 ta' Mejju 2016 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

> "Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-
>
> "Illi l-attrici twieldet fiz-zwieg bejn il-konvenuti Joseph u Rita konjugi Mallia u dana skont l-att tat-twelid;

“Illi sussegwentement l-attrici giet a konoxxenza taghha illi ghalkemm hija twieldet f'dan iz-zwieg u ghalkemm fir-Registru Pubbliku hemm imnizzel bhala 'Missier it-Tarbija' l-konvenut Joseph Mallia bid-dettalji kollha relattivi tieghu, il-missier naturali u bijologiku tat-tarbija u cioe' ilium l-attrici huwa l-konvenut George Borg;

“Illi l-attrici tirrileva illi min-naha taghha u tal-konvenut Joseph Mallia gja' saru t-testijiet xjentifici opportuni tad-DNA fejn gie eskluz li l-konvenut Joseph Mallia huwa l-missier naturali taghha;

“Illi ghalhekk l-attrici qed tressaq din il-kawza halli tottjeni dikjarazzjoni rninn din 1-Onorabbli Qorti fis-sens hawn fuq indikat u halli jsiru, permezz ta' ordni tal-Qorti, 1-emendi opportuni fl-att tat-twelid ta' l-attrici mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

“Ghaldaqstant l-attrici umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi joghgobha;

1. “Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti thoss u ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-konvenut Joseph Mallia m'huwiex il-missier naturali ta' l-attrici;

2. “Tiddikjara illi l-konvenut George Borg huwa l-missier naturali u bijologiku ta' l-attrici u dana anke permezz tal-hatra ta' perit nominand;

3. “Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-Numru 0016209 u dana billi fl-ewwel lok jinserixxi lill-konvenut George Borg bhala 'missier it-tarbija' fl-att ta' twelid in kwistjoni u fit-tieni lok jinserixxi wkoll id-dettalji kollha relevanti ta' George Borg fl-istess att ta' twelid;

4. “Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli, wara li jsiru l-emendi kollha mehtiega ai termini tat-tielet talba attrici, johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

“Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut George Borg u l-konvenuti jew min minnhom minn issa ingunti in subizzjoni.

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut George Borgipprezentata fis-7 ta’ Novembru 2007 li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:-

1. “Illi l-azzjoni attrici ma tistax tissussisti u ghalhekk ghandha tigi michuda ai termini tal-artikoli 80 u 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. “Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez

kontra l-attrici, billi ma huwiex minnu illi l-esponent huwa l-rnissier naturali u bijologiku tal-attrici.

“Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku prezentata fid-19 ta’ Novembru 2007:-

1. “Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. “Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' 1-allegat missier naturali u cioe ta' l-intimat George Borg sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. “Illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, jehtieg li l-kliem "the said" jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm tat-tarbija.

4. “Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, ghandha ssir korrezzjoni fin-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid in kwistjoni biex jaqra 1218 tas-sena 1985.

5. “Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. “Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

7. “Salv eccezzjonijiet ohra.

“Tant ghandu x’jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' din 1-Onorabbli Qorti.

“Rat illi nonostante diversi ordnijiet minn din il-Qorti diversament presjeduta, l-attrici naqset milli tiehu hsieb tinnotifika lill-konvenut Joseph Mallia b’dan illi fl-udjenza tal-14 ta’ Jannar 2010 il-Qorti iddifferiet il-kawza sine die.

“Rat illi b’rikors tat-2 ta’ Frar 2010 l-attrici intavolat rikors li permezz tieghu iddikjarat illi nonostante li ma kenitx deheret quddiem il-Qorti xorta kien ghad ghandha interess f’din il-kawza u ghalhekk talbet li tigi riappuntata.

“Rat illi b’digriet tal-5 ta’ Frar 2010 fejn il-kawza giet riappuntata ghat-30 ta’ Marzu 2010.

“Rat illi Joseph Mallia gie notifikat fis-16 ta’ Novembru 2011 izda ma pprezentax risposta guramentata.

“Rat illi fl-udjenza tal-24 ta’ Mejju 2012 din il-Qorti diversament presjeduta ordnat li jingabru l-provi limitatament rigward l-eccezzjoni tal-pussess ta’ stat tal-attrici.

“Rat li fl-udjenza tat-22 ta’ Novembru 2012, wara rikors tal-attrici tat-13 ta’ Gunju 2012, varjat l-ordni moghti fl-udjenza precedenti, u minflok orndat illi jingabru l-provi kollha tal-partijiet sew dwar it-talbiet attrici kif ukoll dwar l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u ghal dan il-ghan hatret lill-Assistant Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia.

“Rat li fit-12 ta’ Dicembru 2014 l-attrici pprezentat rikors li permezz tieghu talbet li l-Qorti tordna lill-konvenut George Borg sabiex jissottometti ruhu ghat-test tad-DNA.

“Rat ir-risposta ta’ George Borg pprezentata fit-13 ta’ Frar 2015 li permezz taghha oppona ghat-talba tar-rikorrenti.

“Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fil-11 ta’ Marzu 2015.

“Rat li fis-seduta tal-14 ta’ April 2015 il-partijiet kienu talbu differiment pendenti l-ezitu ta’ kawza kostituzzjonali fl-ismijiet *Diana Abdilla vs. Francesco Saverio Mifsud* li kienet titratta ilment ta’ indoli kostituzzjonali relattiv ghall-provvedimenti legali li jaghtu s-setgha lill-Qorti tordna li jsir it-test tad-DNA fuq persuna li tkun qed tirrezisti li tissottometti ruhha ghat-test tad-DNA.

“Rat li wara li l-kawza kostituzzjonali fuq imsemmija giet deciza definittivament ir-rikors odjern u l-ewwel eccezzjnoi tal-konvenut George Borg gew tratati fl-udjenza tal-15 ta’ Marzu 2016.

“Rat li l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut George Borg.

“Rat l-atti.

“Ikkonsidrat;

“**L-Ewwel Eccezzjoni tal-Konvenut George Borg**.

“Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut George Borg qed jeccepixxi s-segwenti:-

> “1. Illi l-azzjoni attrici ma tistax tissussisti u ghalhekk ghandha tigi michuda ai termini tal-artikoli 80 u 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.”

"**L-AZZJONI ATTRICI.**

"L- attrici intavolat kawza kontra ommha, kontra l-persuna li sallum jirrizulta mill-att tat-twelid taghha bhala missiehra li huwa wkoll ir-ragel ta' ommha, kontra l-persuna li l-attrici tallega li huwa l-missier bijologiku taghha, u kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku. Fil-kawza odjerna l-attrici, li llum ghandha tletin sena, qed titlob lill-Qorti tiddikjara illi missierha ma hux ir-ragel ta' ommha, Joseph Mallia, izda huwa l-konvenut George Borg.

"Il-konvenut George Borg qed jopponi ghat-talbiet attrici. Iz-zewg linji difensjonali tal-konvenut Borg huma s-segwenti: (1) illi l-azzjoni attrici ma tistax tissussisti u ghandha tigi michuda ai termini tal-artikoli 80 u 81 tal-Kap. 16; u (2) illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li "ma huwiex minnu illi l-esponent huwa l-missier naturali u bijologiku tal-attrici".

"Permezz tal-kawza odjerna ser tigi deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Borg.

"**PROVI.**

"L-attrici resqet it-testimonjanza ta' **ommha, Rita Mallia**, bil-mezz ta' affidavit[1]. Fl-affidavit taghha Rita Mallia spjegat b'certu dettal kif bdiet fuq medda ta' snin il-hbiberija bejnha u bejn il-konvenut Borg. Fis-snin sebghin ix-xhud, zewgha l-konvenut Joseph Mallia, il-konvenut George Borg u martu kienu johorgu flimkien bhala koppji. Kienu saru hbieb sew tant li meta kien ghad ghandhom it-tfal zghar il-hrug kien jikkonsisti filli jmorru ghand xulxin fid-djar rispettivi taghhom. Tispjega li zewgha kien sar alkoholiku u vvizjat fil-loghob tal-flus u kien ihalliha nieqsa mill-finanzi tant li l-konvenut Borg kien jispicca jsellef flus lil zewgha sabiex ikunu jistghu ikampaw.

"Irrakkontat illi wara l-mewt ta' missierha kienet waqghet f'*depression* u sabet lill-konvenut George Borg sabiex itiha konfort. Maz-zmien saret thobb lil George Borg u bdew jiltaqghu bil-mohbi ta' zwieghom rispettivi. Tghid li bdiet tiltaqa' bil-mohbi ma' George Borg "darbtejn fix-xahar mill-1979 sal-1984" meta t-tfal ikunu l-iskola u zewgha jkun xoghol. Sadanittant kull nhar ta' Sibt il-konjugi Borg u Mallia kienu ghadhom johorgu flimkien bhala koppji. Spjegat illi bejn April u Mejju tal-1984 l-intimita' bejn omm l-attrici u zewgha kienet naqset hafna minhabba li kien ikun hafna drabi fis-sakra. F'dak iz-zmien kienet qed tkun intima mal-konvenut Borg. Spjegat illi ghalkemm kienet tuza kontracettiv kien hemm mument meta dan ma ffunzjonax u harget tqila. Il-konvenut Borg kien jaf li kienet harget tqila minnu izda hadd minnhom ma tkellem u kollox baqa' bhallikieku t-tarbija, l-attrici, kienet il-wild tar-ragel ta' ommha. U hekk giet registrata fir-registru pubbliku minghajr ma hadd ikkontesta dik il-filjazzjoni.

[1] Fol. 49

"Dwar dak iz-zmien xhedet hekk:-

> "*"Illi meta hrigt tqila kelli 32 sena u kelli lil Chantelle Mallia fil-31 tal-Jannar tal-1985. Nghid illi wara li kont wellidt gietni emoragija fejn kellhom jghamluli operazzjoni ta' malajr. Wara gimgha l-isptar jien cempilt il-hanut fejn kienu jkunu qed jixorbu Joseph u George u kellimt lil Joseph. Niftakar illi kien il-Hadd;*
>
> "*Nghid illi xi jiem wara George kien cempilli l-isptar peress illi kont f'kamra ghalija fejn kien qalli "mela t-tifla mhux tieghi ghala ma staqsejtx ghalija" fejn jien wegibtu "Jien mhux ghal zewgi irrid insaqsi". Inzid nghid illi jien hassejt li hija haga logika li nsaqsi ghal Joseph u mhux ghal-George specjalment meta jien kont naf illi hafna nies kien jafu li Chantelle hija ta' George u mhux ta' Joseph u jien dak iz-zmien kont nibza li Joseph isir jaf. Fil-fatt lil Joseph kont ghidtlu wara xi zmien waqt argument li nqala' bejnietna;*
>
> "*Minn dak inhar l'hemm George qabad jitkessah mieghi u kien anke qalli li ma jridx jerfa responsabilita'. Min-naha l-ohra ma' shabu kien jiftahar u jghid li t-tifla hija tieghu;*
>
> "*Inzid nghid illi meta kont immovjajat go dar gewwa Pembroke, Jospeh qallu biex jigi jara l-post u dik kienet l-unika darba li George kien ra lil Chantelle. Nghid illi hu qatt ma pprova jaraha u konna qtajna kull kuntatt bejnietna".*

"Meta regghat xhedet in kontro-ezami[2] spjegat illi meta harget tqila bl-attrici hija ma kelliex relazzjonijiet intimi ma' zewgha izda ma' George Borg biss. Ghalhekk tista' tghid li l-attrici hija bint naturali tal-konvenut Borg u mhux ta' zewgha. Xhedet illi meta fis-sena 1998 telqet mid-dar matrimonjali ma kinitx fethet kawza dwar il-paternita' tal-attrici. Tirrakkonta li ftit zmien qabel ma weldet lill-attrici hi, zewgha u l-koppja Borg kienu ghadhom qed johorgu bhala zewg koppji flimkien. Waqt harga minnhom kienu qed jixorbu f'bar tas-Sliema u kien hemm barrani li beda jitkellem maghhom. Meta dan saqsa lil George Borg kemm kellu tfal wiegbu "two girls, one boy and one on the way, dak il-hin jiena kont fin-nofs bejn Guzi u bejn Gorg. Jigifieri hu Gorg Borg kien jammetti man-nies kien jghid ma' kulhadd hemmhekk hafna nies San Gwann jafu hafna nies kulhadd kien jaf."[3] Hija kkonfermat illi kull meta kien mehtieg tnizzel isem il-missier tal-attrici kienet tnizzel isem zewgha skont l-att tat-twelid.

"**L-attrici Chantelle Mallia** xhedet illi hija qed taghmel il-kawza odjerna sabiex tkun taf min hu missierha naturali. Hija ddikajrat illi taf bhala missierha lil Joseph Mallia. Ommha u missierha isseparaw meta kellha biss sentejn u nofs. Kompliet tixhed hekk:-

> "*"Meta kelli jiena hdax-il sena / tnax- il sena dak iz-zmien jiena kont qed nikber u l-mama mbaghad qaltli li fil-fatt Joseph Mallia ma jigix*

[2] Fol. 100
[3] Fol. 101

> *missieri. Jiena mbaghad staqsejtha 'mela min huwa missieri ma?' u hija wegbitni 'George Borg'. Aktar tard imbaghad meta kelli ghoxrin sena konna fir-restaurant niftakar u kien zmien il-Milied u fettilli l-papa jiena insaqsih u nghidlu. Jiena ghidtlu 'pa li hemm bejnietna mhux se jinbidel pero' inti taf li m'intix missieri'. Huwa wiegeb, qalli 'dazgur li naf, jien ilni naf mindu inti twelidt' ".*

"Tghid li meta kellha bejn tlettax u hmistax-il sena kienet cemplet lill-konvenut Georg Borg u qaltlu li xtaqet tkellmu. Kien gie dak il-hin stess hdejn id-dar ta' ommha. Staqsitu jekk jafx li huwa missierha u huwa dahaq. Tghid li ftit zmien wara kien taha elfejn lira Maltin maqsumin f'erba' pagamenti ta' hamess mitt Lira Maltin kull pagament. Meta kellha tmintax-il sena u nofs kienet harget tqila minn relazzjoni li kellha u kienet cemplet lill-konvenut George Borg titolbu l-ghajnuna peress li huwa jahdem fl-industrija tal-kostruzzjoni. F'dik l-okkazzjoni kien taha elfejn u hames mitt lira Maltin. Xhedet li xi sena wara iltaqghet mal-konvenut George Borg u ibnu Kevin f'kazin u bdew jitkellmu u jixorbu flimkien. F'hin minnhom hija daret fuq Kevin u staqsitu jekk jafx li hu kien huwha. Skont l-attrici Kevin irrisponda hekk: "iva kont smajt pero' qatt ma stajt nemmen". Tghid li wara dakinhar lil George Borg qatt ma regghat iltaqghet mieghu.

"Taghlaq it-testimonjanza taghha hekk:-

> " *"Irrid nghid li missieri kien qalli illi wasal iz-zmien illi tinfetah kawza sabiex George Borg jigi ddikjarat missier naturali tieghi u mbaghad il-papa kien ghamel DNA test darbtejn ghand Blundell u legal paternity test certificate esebita fol. 45 tal-process datat tlieta w ghoxrin ta' Jannar 2012 u minn dawn iz-zewg testijiet irrizulta li Joseph Mallia mhuwiex il-rnissier naturali tieghi. Kemm il-hbieb tal-papa kif ukoll hbieb ta' George Borg jghiduli "inti t-tifla tal-Mislah" b' referenza ghal George Borg jigifieri. L-ahhar li qaluli dan id-diskors kien il-girngha l-ohra stess".*

"In kontro-ezami l-attrici xhedet illi sal-gurnata tallum lill-konvenut Joseph Mallia dejjem qisitu u habbitu bhala missierha ghalkemm taf li ma hux missierha bijologiku. Tispjega illi meta fittxet lil missierha proprja biex jaghmel it-test tad-DNA irrifjuta. Ir-rifjut ta' George Borg hassitu hafna. Tghid illi ommha ghamlet kollox wahedha ghaliha. Kien hemm okkazzjonijiet fejn meta kien hemm htiega tal-missier kienet issejjah lil Joseph Mallia u kien imur. Xhedet illi fiz-zmien li l-attrici u Joseph Mallia isseparaw kien hemm hafna glied bejniethom. Meta sseparaw kienu ghamlu zmien twil ma jitkellmux. Izda l-affarijiet maz-zmien inbidlu: *"Illum il-gurnata speci jien ghandi t-tfal, huti ghandhom it-tfal u qisek taf kif? Ergajna nghaqadna biex ingawdu t-tnejn li huma n-neputijiet taghhom fil-kwiet, speci z-zmien ghadda w hekk u l-affarijiet inbidlu".*

"Tghid li meta kellha madwar sittax-il sena hija kienet marret tkellem Avukat sabiex tara x'tista' taghmel biex jigi dikjarat minn hu missierha. Peress li kienet ghadha minuri kien mehtieg il-firma ta' ommha izda

ommha ma riditx tiftah kawza. Ommha bdiet tibza mill-inkwiet li jista' jerga' jinqala jekk ir-relazzjoni tal-passat taghha ma' George Borg terga' titqajjem. Dan anke ghaliex meta ommha u George Borg kellhom relazzjoni mhux ommha biss kienet mizzewga izda anke George Borg kien mizzewweg.

"L-attrici resqet bhala xhud lil konvenut **Joseph Mallia**:-

"*"Chantelle Mallia l-attrici hija t-tarbija li kelli mill-mara u li rabbejt jiena. Pero' rrid nghid li dan li gara kien illi jiena u George Borg konna hbieb hafna. Meta kellna t-tarbija jiena kont diga' bdejt nahseb li din it-tarbija mhux minn tieghi u wara li din it-tarbija kellha tliet snin konna diga' sseparati jiena u l-mara u l-mara stess kienet qaltli li t-tifla mhux minn tieghi, u qaltli wkoll li lanqas huha z-zghir ma huwa minn tieghi. Meta t-tifla kibret u tkellimna ddecidejna li nifthu kawza lil George Borg. George Borg konna nieklu flimkien jigi ghandi u jiena mmur ghandu. Konna hbieb kbar. Meta jiena sirt naf li t-tifla ma kinitx minn tieghi u t-tifla Chantelle kellha xi tliet snin dak iz-zmien u kienet anke qaltli ommha, jiena mbaghad bdejt ninqata' minn mieghu. Jiena kont qed nara li t-tifla Chantelle kienet qed tikber, jiena bdejt nara li Chantelle lil tifla ohra ta' George Borg kienet qed tixbaha hafna. Din it-tifla l-ohra ta' George Borg illi Chantelle kienet tixbaha hafna jisimha Diane. Irrid nghid illi l-mara lili riedet twegghani ghax kien hemm tliet itfal ohra tliet subien. Kienet qaltli li t-titla ma hijiex minn tieghi hija minn ta' siehbi. Jiena mbaghad ghamilt zewg testijiet tad-DNA u miz-zewg testijiet tad-DNA rrizulta illi Chantelle Mallia mhijiex it-tifla tieghi".*

"In kontro-ezami[4] l-konvenut Joseph Mallia xehed illi lill-attrici Chantelle Mallia kien rabbiha hu sakemm hu u martu, l-konvenuta Rita Mallia isseparaw. B'ordni tal-Qorti kien ihallas manteniment lil martu ghat-tfal inkluz ghall-attrici. Lit-tfal kien imur jarhom il-Hadd filghodu. Jkompli jixhed hekk:-

"*"Jien lil Chantelle dejjem qistha bhala binti u hekk rabbejtha sallum. Anke f' dokumenti bhal ta' l-iskola per ezempju kif qed nigi mistoqsi jien dejjem tnizzilt bhala missier Chantelle. Anke meta ommha kienet tghid li ghandna bzonn immorru ghand teacher jien kont dejjem maghha. Jien minn mindu twieidet sal-gurnata ta' llum, dejjem ghozzejtha bhala binti".*

"Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 2012 deher **Dr Renald Blundell** u halef ir-rapport xjentifiku minnu ppreparat fejn iccertifika illi minn kampjuni li huwa eleva minn fuq il-persuna tal-konvenut Joseph Mallia u minn fuq il-persuna tal-attrici Chantelle Mallia jirrizulta illi Joseph Mallia ma hux il-missier biologiku tal-attrici.[5]

"Il-konvenut, **George Borg,** ghalkemm inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu inkluz l-affidavit tieghu naqas milli jaghmel dan. Tant illi fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2014 quddiem l-Assistant Gudizzjarju gie dikjarat mill-Avukat tieghu li l-konvenut Borg

[4] Fol. 87
[5] Fol. 43

ma kienx behsiebu jipprezenta affidavit u minflok ipprezenta nota ta' dokument anness maghha estratt minn Facebook chat inkluz ritratt. Fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2015 quddiem l-Assistant Gudizzjarju l-Avukat tal-konvenut George Borg iddikjarat li m'ghandux provi aktar xi jressaq.

"Ikkunsidrat;

**Il-Pussess tal-Istat ta' Wild Legittimu - Artikoli 80 u 81 tal-Kap. 16**

"L-Artikoli tal-ligi applikabbli ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza in dizamina huma l-artkoli 80 u 81 tal-Kap. 16 riprodotti hawn taht.

"**Artikolu 80 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

> "*(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*
>
> "*(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:*
>
> "*(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*
>
> "*(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;*
>
> "*(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*
>
> "*(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja*.

"**Artikolu 81 tal-Kap. 16** imbaghad jipprovdi illi:-

> " *(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*
>
> "*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu*.

"Ikkunsidrat;

"Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed tressaq zewg talbiet principali. L-ewwel wahda hija dik hekk imsejah ta' Denegata Paternita' fejn qed titlob li l-Qorti tiddikjara illi l-persuna li fuq l-att tat-twelid taghha jidher bhala missierha, peress li fil-jum tat-twelid taghha kien mizzewweg lil ommha, jigi dikjarat li ma hux missierha bijologiku. It-tieni talba hija sabiex il-Qorti tiddikjara illi l-konvenut George Borg huwa l-missier naturali tal-attrici.

“Fl-eccezzjoni tieghu George Borg ma jaghmilx distinzjoni bejn dawn iz-zewg talbiet. Jeccepixxi illi “l-azzjoni attrici ma tistax tissussisti”. Isegwi ghalhekk illi ghall-konvenut George Borg l-attrici ma setghat tressaq la l-ewwel talba ta’ denegata paternita’ u lanqas it-tieni talba ta’ filjazzjoni.

“In tema legali ghandu jinghad illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici il-konvenut m’ghandux locus standi. Aktar u aktar meta bil-gurament tieghu jiddikjara fir-risposta guramentata tieghu illi huwa ma hux il-missier naturali tal-attrici. Huwa evidenti illi l-konvenut Borg ghandu dritt iressaq eccezzjonijiet fir-rigward tat-talbiet attrici fil-konfront tieghu izda mhux ukoll fil-konfront ta’ terzi. Id-decizzjoni tal-ewwel talba attrici bl-ebda mod ma tirrigwarda d-drittijiet tal-konvenut Borg. Ghar-rigward tal-ewwel talba ta’ denegata paternita’ fil-konfront tal-konvenut Joseph Mallia d-drittijiet ta’ George Borg ma huma bl-ebda mod mittiefsa. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-konvenut Borg fir-rigward tat-talba tal-attrici kontra l-konvenut Mallia ta’ denegata paternita’ qed tigi dikjarata bhala legalment mhux proponibbli minnu peress li fir-rigward tal-azzjoni ta’ denegata paternita’ l-konvenut Borg m’ghandux voce in capitolo. Rilevanti jigi osservat illi l-konvenut Joseph Mallia ma ressaqx eccezzjonijiet ghat-talbiet attrici u jinsab kontumaci. Il-kontumacja ta’ Mallia ma taghti l-ebda dritt lill-konvenut Borg illi jressaq hu l-eccezzjonijiet fir-rigward tat-talba ta’ denegata paternita’ li lilu ex admissis ma tirrigwardahx.

“Konsiderata l-eccezzjoni in dizamina fir-rigward tat-talba attrici sabiex il-konvenut Borg jigi dikjarat bhala l-missier naturali u bijologiku tal-attrici, huwa necessarju jigi ezaminat il-pussess tal-istat tal-attrici.

“**LIGI U GURISPRUDENZA**.

“Meta tarbija titwieled minn mara mizzewga li tkun ikkoncepiet lit-tarbija matul iz-zwieg, il-presunzjoni legali hi, eccetto l-eccezzjonijiet kontemplati fil-ligi, illi l-wild huwa wkoll iben ir-ragel tal-omm li weldet it-tarbija.

“**Artikolu 67 tal-Kap.16** li jipprovdi illi:-

> “*“L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu”*.
>
> “Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, “***mater semper certa est***”.

“Fl-istess hin it-tarbija titqies li hi iben ir-ragel ta’ omm it-tarbija u hekk jitnizzel fic-certifikat tat-twelid. Difatti ghall-finijiet sabiex it-twelid ta’ tarbija imwielda minn mara mizzewga jigi registrat fir-Registru Pubbliku mhux mehtieg il-presenza taz-zewg konjugi. Ma hi mehtiega l-ebda prova oltre l-att taz-zwieg bejn ir-ragel u l-mara li weldet it-tarbija.

"Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 2007 fl-ismijiet "**Marco Vella vs Pauline Cassar et**" intqal hekk fir-rigward tal-artikolu appena citat:-

> "Dak li jissejjah ir-'raisson d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan… "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romani intesero questa presunzione come l'in carnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'.(Diritto Civile. Vol. 1 para 49 page.76)".[6]

"Huwa ghalhekk illi l-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni imwielda fiz-zwieg. Kif gie dikjarat fil-kawza ta' *denegata paternita'* fl-ismijiet "**Anthony Grima vs Josianne Grima et**" deciza fid-19 ta' April 2012, mill-Qorti tal-Appell :-

> "L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda wkoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha llum trabbew, interess li wkoll irid ihares l-art. 81 (2) (Kap. 16) , u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att ta' twelid tieghu."

"Issir ukoll referenza ghas-sentenza "**Diane Lia noe vs Mohamed Melikechi et**" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Dicembru 2002:-

> "Dwar il-filazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta' azzjonijiet:- (a) L-azzjoni ta' diskonixximent jew 'denegata` paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel (Artikolu 70); (b) L-impunjattiva ta' l-istat legittimu tat-tifel prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess fil-kazijiet f'dawn iddisposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni ssir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75); (c) Ir-ricerka tal-paternita` li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza wkoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk prevvist fl-Artikolu 85;
>
> "Huwa logiku illi t-tifel ghandu d-dritt li jikkontesta l-istat ta` iben legittimu kif hekk qed isir fl-istanza odjerna;
>
> "Intqal a propositu fid-decizjoni riportata a **Vol. XXXVI P I p 1**:- "U tabilhaqq, a contrariu sensu ta' l-Artikolu 94 (illum Artikolu 81) il-ligi taghti lit-tifel id-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid ta' iben legittimu meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' dak l-att tat-twelid ..."; L-unika limitazzjoni li t-tifel jista' jkollu f'din ir-

[6] Ara wkoll: PA "**Pierre Travers Tauss vs DRP et** (10.05.1996); PA "**Carmen Gallagher et vs Carmelo Bajada** (07.01.2003).

ricerka hi fejn l-att tat-twelid jkun konformi mal-pussess ta' l-istat tieghu, kif ahjar ezemplifikat fl-Artikolu 80 tal-Kap. 16. Dan ifisser illi fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, "l'azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e` inamissibile" (**Vol. XXIV P I p 427**), u allura t-tifel ma jkunx jista' jirreklama stat divers minn dak attribwit lilu mill-att tat-twelid u mill-pussess ta' stat;

"Bl-azzjoni proposta t-tifel qed jittanta jattakka proprju r-regola, jew ahjar, il-presunzjoni stabbilita ex Artikolu 67 tal-Kodici Civili fejn insibu affermat illi "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu"; Jinsab pacifikament stabbilit illi "din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att," (**Vol. XXXVII P II p 768**); Fi kliem iehor, "il principio 'pater is est quem iustae nuptiae demonstrant' e` applicabile in senso assoluto al solo caso in cui la filiazione fosse provata coll`atto di nascita` e con un possesso di stato conforme allo stesso; ed e` in questo caso che non e` dato al figlio reclamare uno stato diverso da quello attributogli dall` atto di nascita` e dal possesso di stato, e non e` lecito muovere controversia sopra lo stato legittimo di colui che l`atto di nascita`, il nome, la fama ed il trattamento additano come figlio del marito della donna che, provata la maternita` col parto e colla identita` della prole, egli ha per madre." (Vol. XXIII P II p 128); Minn dan s'issa stabbilit huwa ovvju illi meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81, Kap. 16 - jigifieri l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat – ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, allura, il-paternita` legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi ta' fatt li jigu apprezzati mill-gudikant, kif hekk del resto jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili;"

"Storikament, jekk immorru lura ghaz-zmien li l-artikoli tal-ligi in dizamina tfaccaw fil-kotba statutorji taghna, il-posizzjoni ta' iben legittimu kienet ferm superjuri ghal dik ta' iben illegittimu mhux biss fuq livell socjali izda wkoll fuq livell ekonomiku. Inoltre ma kienux ghadhom saru l-iskoperti xjentifici li waslu ghat-test tad-DNA, liema test f'hafna mill-kazi jilhaq livell ta' kwazi certezza, livell ferm aktar gholi minn dak ta' livell ta' probabilita' rikjest f'kawza civili.

"Nigu issa sabiex nezaminaw il-pussess tal-istat li tippossjedi l-attrici Chantelle Mallia.

"Il-pussess ta' stat ta' persuna ma hux xi haga fissa u immutabbli. Jista' llum wiehed jippossjedi stat mod u zmien wara dak l-istat, minhabba xi cirkostanzi posterjuri, jinbidel. L-**Artikolu 80 tal-Kap 16** jipprovdi illi il-pussess tal-istat ta' iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li mehudin flimkien jiswew sabiex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu. Interessanti jigi osservat li Artikolu 80 ma jghidx ir-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-missier izda bejn it-tifel u 'l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu". Il-ligi, filwaqt li tipprovdi illi sabiex wiehed jiddeciedi x'inhu l-pussess tal-istat ta' iben legittimu jehtieg li l-Qorti tikkonsidra

gabra ta' fatti mehudin flimkien, telenka lista mhux ezawrjenti ta' dak li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni.

"Jirrizulta mill-provi prodotti illi sa minn qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna, l-attrici u l-konvenut Joseph Mallia kienu gia' volontarjament resqu ghat-test tad-DNA minn fejn irrizulta illi Joseph Mallia ma hux il-missier bijologiku tal-attrici. Apparti dan it-test tad-DNA qabel il-kawza rega sar iehor fil-mori tal-kawza li kkonferma l-ewwel rizultat li l-attrici ma hiex bint Joseph Mallia.

"Li hu rilevanti ma hux x'kien il-pussess tal-istat tal-attrici meta twieldet u fil-ftit snin immedjetament wara t-twelid taghha izda x'kien il-pussess tal-istat taghha meta giet biex tintavola l-kawza odjerna.

"Irrizulta illi meta l-attrici kellha circa tlett snin iz-zwieg ta' bejn ommha u Joseph Mallia sfaxxa u sseparaw. L-attrici spjegat[7] illi meta kellha circa hdax-il sena u dahlet is-sekondarja ommha kienet qaltilha li missierha ma kienx Joseph Mallia izda kien George Borg. L-attrici xhedet illi hutha kienu haduha kontra ommhom meta skoprew li ommhom kellha relazzjoni ma' haddiehor waqt iz-zwieg taghha ma' missierhom. Tghid hekk dwar ir-raguni ghaliex ommha dak iz-zmien ma ridietx tiftah il-kawza: "Bdiet tiddejjaq minn huti wkoll ghax huti speci kienu kontra ommi x'ghamlet u x'ma ghamlitx ma' George Borg".

"L-attrici ghalqet ix-xhieda taghha hekk[8] : "Kemm il-hbieb tal-papa (Joseph Mallia) kif ukoll hbieb ta' George Borg jghiduli "inti t-tifla tal-Mislah" b'referenza ghal George Borg jigifieri. L-ahhar li qaluli dan id-diskors kien il-gimgha l-ohra stess".

"Il-konvenut George Borg ma tax it-testimonjanza tieghu. Saru l-kontro-ezamijiet da parti tal-Avukat tieghu tax-xhieda mressqa mill-attrici pero' la xhed hu u lanqas tella xhieda ohra.

"**ONUS PROBANDI INCUBIT EI QUI DICIT NON EI NEGAT**

"Hija regola ta' dritt illi min jallega irid jipprova: "***onus probandi incubit ei qui dicit non ei negat***". Din ir-regola ta' dritt hija sancita bl-**Artikolu 562 tal-Kap. 12** li jipprovdi illi "Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."

"Dwar l-analizi li trid taghmel il-Qorti fir-rigward tal-provi mressqa intqal hekk fis-sentenza "**David Pace vs Frans Falzon et**" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Mejju 2011:

> "Kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni ghall-kaz tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant

[7] Fol. 91
[8] Fol. 81

> ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet. Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issoddisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement ippruvati (non esse et non probari paria sunt). Dan kollu jissarraf fil-principju li jirregola l-piz tal-prova u cioe' li x-xjenza tal-fatt allegat ghandu jigi pruvat mill-persuna li qed tallega dik ix-xjenza. Del resto hekk ukoll ighid l-Art. 562 tal-Kap. 12 u fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-kaz ta' dubbju l-allegata xjenza ghandha tigi rigettata. ("**Theuma vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 20 ta' Frar 1996 ; "**Fenech Clarke et vs Borg et**" – Qorti tal-Appell – 30 ta' Mejju 1997 u "**Mizzi noe vs Borg et"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 29 ta' Settembru 2009)."

"Ezaminati l-provi mressqa mill-attrici fid-dawl tal-ligi u l-gurisprudenza applikabbli ghall-evalwazzjoni tal-provi, il-Qorti hi tal-fehma u qed tikkonkludi illi l-attrici ppruvat sodisfacentement illi l-attrici ma tipposjediex stat li huwa konformi mal-att tat-twelid taghha. L-attrici irnexxiela tipprova illi filwaqt li huwa minnu illi ghal ewwel snin ta' hajjitha kienet maghrufa u konsidrata minn dawk ta' madwarha bhala bint ir-ragel ta' ommha, minn meta kellha circa hdax-il sena 'il quddiem sew hi kif ukoll hutha u terzi persuni vicin il-familja taghha kienu jafu li hi ma hiex bint Joseph Mallia izda bint George Borg. Jirrizulta wkoll illi anke t-tifel tal-konvenut Georg Borg li huwa ghandu miz-zwieg tieghu ma' terza persuna jaf li l-attrici tigi ohtu. Indikattiv hafna huwa wkoll is-sommom konsiderevoli li meta mitlub il-konvenut George Borg ta lill-attrici meta kienet fil-bzonn finanzjarju.

"Stabbilit li l-pussess tal-istat tal-attrici ma jaqbilx mal-kontenut tal-att tat-twelid tal-attrici, gie radikat fl-attrici id-dritt illi tadixxi l-Qrati sabiex jigi stabbilit min verament huwa l-missier bijologiku taghha.

"Ghalkemm il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut George Borg, il-Qorti ser tiddeciedi wkoll l-ewwel talba attrici stante li l-provi dwar l-ewwel talba gew ezawriti.

"**Decide**.

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

"1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Borg, u

"2. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut Joseph Mallia ma hux il-missier naturali tal-attrici.

"Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

> "Il-Qorti tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza sabiex jigu decizi l-kumplament tat-talbiet u l-eccezzjonijiet".

Rat l-appell tal-konvenut Borg li permezz tieghu talab ir-revoka tal-istess sentenza u li allura tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni tieghu. Il-konvenuti l-ohra u l-attrici jaqblu mas-sentenza imsemmija.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju 2017 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat:

**AGGRAVJI TAL-ATTUR**

Illi l-appellant ibbaza l-appell tieghu fuq l-istess eccezzjoni msemmija peress li jsostni li dik l-eccezzjoni kellha tigi milqugha. Huwa jibbaza l-argument tieghu billi jiccita l-Artikoli 80 u 81 tal-Kodici Civili li jghidu hekk, kif del resto semmiet is-sentenza appellata:

> "**80**. *(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*
>
> "*(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:*
>
> "*(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*

"*(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;*

"*(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*

"*(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja.*

"**81.** (*1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtih l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

"*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu*".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et" (P.A. 10 ta' Mejju 1996)** inghad li :-

"*Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni talligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkomenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan…………..*" "*Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolablita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvalorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il-marito come ilpadre dei concepiti da sua moglie durante il-matrimonio. I giuconsulti romani intesero questa presunzione e l'incarnazione della formula solenne ' pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell'antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall'esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell'articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio*". **(Diritto Civile, Vol 1, paragrafu 49)**".

Huwa car illi d-decizjoni dwar jekk il-Qorti kellhiex tilqa' t-talbiet tal-attrici hija dipendenti fuq jekk l-azzjoni taghha setghetx timxi ghaliex huwa evidenti li f'kaz ta' akkoljiment tal-eccezzjoni tal-konvenut kull konsiderazzjoni ohra tkun irrilevanti. Skont l-appellant peress li l-Artikolu 77 li fuqu hija bbazata l-kawza jibda bil-kliem '*bla hsara ghal*

*dak li jiddisponi l-artikolu 81*' dik l-azzjoni hija sottoposta ghal dak li jghid dan l-ahhar artikolu imsemmi. Zewg sentenzi, **Vella v. Cassar** – 25 ta' Mejju 2007, u **Grima v. Grima** - 19 ta' April 2012) it-tnejn moghtija minn din il-Qorti jikkonfermaw "*illi l-ligi ma tridx li tinbidel sitwazzjoni ta' min tnissel jew twieled matul iz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma dak li jghid l-att ta' twelid tieghu*"*.*

Madankollu huwa evidenti ghal din il-Qorti li fir-rigward tas-sentenza appellata ma hemm xejn censurabbli fis-sens li qed jilmenta l-appellant. Is-sentenza wara li rrespingiet l-ewwel eccezzjoni tal-appellant iddikjarat li l-konvenut Mallia mhuwiex missier l-appellata. Din l-ahhar parti tas-sentenza ma tirrigwardja xejn lill-appellant li allura ma ghandux l-interess guridiku jattakaha. Dan l-appell ghalhekk jista' jkun biss dwar ic-cahda tal-ewwel eccezzjoni.

F'dan ir-rigward, l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti illi l-konvenut Borg ghandu dritt iressaq l-eccezzjoni fir-rigward tieghu izda mhux ukoll fil-konfront ta' terzi hija ferm logika u kondiviza pjenament minn din il-Qorti. Din il-Qorti taqbel ukoll li l-azzjoni odjerna hija moghtija lill-appellata permezz tal-Artikoli 82 sa 85 tal-Kodici Civili.

Fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri v. Fawzy** ( 31 ta' Jannar 2003, Prim'Awla), intqal illi:

> "Huwa desumibbli minn dan fuq affermat illi fejn l-att tat-twelid jinsab f'kuntrast mar-realta` tar-rapport ta' filjazzjoni, l-impunjattiva hi ammissibbli. Dan in raguni ta' l-interess pubbliku ghall-iskop tac-certezza ta' l-istat familjari kif ukoll fl-interess tal-minuri stess. Ghalhekk ukoll il-ligi tippreciza li l-azzjoni hi impreskrittibbli (Artikolu 84, Kodici Civili)".

F'dan is-sens ukoll huma s-sentenzi **Healey v. Farrugia Vella**, (1 ta' Marzu 2011) u **Travers v. Direttur tar-Registru Pubbliku supra**, moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Fis-sentenza fl-ismijiet **Vincenza Muscat v. Dottor Raymond Zammit noe** (17 ta' Novembru 2003, Prim'Awla) intqal ukoll li:

> "Huwa pacifikament ritenut illi tifel jew tifla li jkunu ghadhom ta' eta` minuri jistghu jfittxu paternita` illegittima anke qabel ma r-ragel ta' ommhom ikun ipprivahom mill-paternita` legittima taghhom (**Vol. II p 159; Vol. XXII P I p 177**). Dan "kemm-il darba l-istat taghhom legittimu ma jkunx marbut tant ma' l-att tat-twelid kemm mal-pussess ta' stat legittimu (*nomen, tractatus et fama*) f' liema kaz l-istat legittimu lanqas ma jkun impunjabbli minnu stess" ("**Gerolama Busuttil *nomine* –vs- Direttur tar-Registru Pubbliku *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Frar 1977; "**Antonio Scerri Gauci –vs- Dottor Giovanni Scicluna *nomine***", Appell Civili, 14 ta' Jannar 1952);
>
> "Invece, kif jinsab ukoll ritenut, fejn ma jikkonkorrux flimkien iz-zewg estremi, jigifieri l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir bil-mezzi kollha konsentiti mil-ligi permezz ta' provi ta' fatt li jigu apprezzati mill-gudikant (**Vol. XXIV P I p 427; Vol. XXXII P II p 300; Vol. XXXVII P II p 768**);".

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-azzjoni odjerna hija proponibbli.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu; tikkonferma ghalhekk is-sentenza appellata fl-intier taghha; l-ispejjez kollha tal-appell huma a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb